MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2006

Numru 981/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
v

**KEVIN SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN SPITERI** ta’ disgha w ghoxrin sena, bin John u Veneranda nee Vassallo, imwieled Pieta nhar t-tletin ta’ Settembru 1976 u residenti ‘Mirage’, Triq San Mattew, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 520776M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn il-granet tat-tmienja w ghoxrin w d-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, f’diversi bnadi f’Malta u gewwa barriera fl-Imqabba, bla ordni skond l-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra u hedded bil-mewt lil Cathleen Camilleri miz-Zurrieq kontra l-volunta'

taghha u fl-istess hin ghamel offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Cathleen Camilleri kif iccertifikat minn Doctor Eric Scerri MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-provvediment tal-artikolu 383(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta’ Marzu 2006 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 72].

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbatax ta’ Gunju 2006 [fol 85].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghaxra ta’ Lulju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 17] fejn beda biex esibixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha w ghorxin ta’ Ottubru 2005 fil-presenza tal-Ispettur Walter Spiteri u tieghu, li giet mmarkata bhala dokument JA 1, [fol 19], liema stqarrija l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax. Qal li l-karozza in kwistjoni nstabet isfel nett fil-barriera l-ghada filghodu minn WPS 40 Isabella Camilleri.

Illi nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005 **xehdet Cathleen Camilleri** [fol 24] fejn qalet li kien cemplilha l-imputat li gharfet presenti fl-awla, ghal habta tal-hdax u nofs ta’ bil-lejl sabiex tmur tiltaqa mieghu f’bar. Qalet li hi u l-imputat kienu hbieb u gieli kienu johorgu ma xulxin. Spjegat kif kienet ilqatghet mieghu lejliet l-ewwel tas-sena jew nhar l-

ewwel tas-sena. Kompliet tghid li waslet hemmhekk ghal habta ta’ nofs il-lejl u kwart u qaghdu jiehdu *drink* flimkien. Sussegwentement ftehmu ma shabhom biex johorgu u hi riedet titla z-Zurrieq ghal flus peress li ma kellhiex. Wara xi hin telqu mill-bar u meta hargu, saq l-imputat bhas-soltu, ghalkemm il-karozza hija taghha. Kompliet tghid li x’hin waslu hdejn l-Industrial Motors, l-imputat beda jitkellem fuq wahda jisimha Daphne.

Ziedet tghid li xi jumejn qabel l-imputat kien cemplilha biex issellfu xi ghoxrin lira biex ikun jista johrog ma habiba tieghu certa Daphne, pero hi ma taghtux l-flus. X’hin l-imputat beda jitkellem fuq Daphne, x-xhud qalet li daret fuqu u qaltlu ‘qisek kellek x’taqsam ma din Daphne’ u fil-pront taha daqqa f’rasha u ghamlilha nefha u bdiet tibki u twerzaq. Kompliet tghid li l-imputat dak l-hin beda joffendiha b’ommha u qalilha li kien haqqha hekk biex ma tghidx hekk fuq Daphne. Ziedet tghid li kif waslu l-Marsa qalilha biex tmur mieghu l-barriera biex joqtolha u hi bdiet tippanikkja u saret isterika u hu beda jaghtiha la genba u joffendiha b’ommha.

Ix-xhud kompliet tghid li kienet marret mieghu f’dik il-barriera w ghalhekk fehmet x’ried jghid biha. Qalet li x’hin waslet hdejn l-istatwa tal-Madonna, ippruvat tohrog mill-karozza u l-imputat beda jzommha u saq aktar. Qalet li dak l-hin hasset li kellha toqghod kwieta ghaliex hasbet li verament kien ser joqtolha peress li mhux l-ewwel darba li kien qalilha dawk il-kliem. Qalet li sakemm waslu l-Imqabba, qaghdu t-tnejn kwieti u ma tkellmux u kif daru r-*roundabout* tal-Imqabba, bdiet tghajjat u twerzaq u tipprova tiftah il-bieba tal-karozza, pero hu baqa jsuq u spiccaw fil-barriera. Spjegat li qabel ma waslu fil-barriera, harget il-*mobile* w ippruvat iccempel 199 u l-imputat zammha minn idejha biex ma ccempilx. Qalet li kif nizlu fil-barriera beda jaghtiha daqqiet u peress li kienet ghadha ma qatghetx l-linja tal-*mobile*, beda jinstemgha lehen jghid ‘Hello… Hello…’ w irnexxilha tahrab lil imputat. Qalet li hi bdiet tghid lil imputat biex izomm l-karozza basta ma joqtolhiex. Ikkonfermat li waqt dan kollu hi qalghet daqqiet f’dahra u qalilha li jekk kienet ser tmur tistahba wara crane b’xafra li kien hemm, hi ma kienetx ser

tehlisha u rega' mar fuqha u qabadha minn spallitha, sakkara u tefghahha bejn saqajh u beda jzommha minn ghonqha u jaghfasha mal-gebel.

Ix-xhud kompliet tghid li wara nizlet isfel u lil imputat bdiet tarah mill-boghod fil-barriera. Wara, ziedet tghid ix-xhud, li rat li kellha call minghand l-199 li staqsewha jekk kienx kollox sew u qaltilhom li le u wara xi hin marru l-pulizija. Spjegat li l-imputat kien ipparkja l-karozza fl-aktar parti ta' isfel tal-barriera. Qalet li l-pulizija staqsewha fejn kienet u qaltilhom li kienet fil-barriera pero ma setghetx tiddeskrivi fejn, u qaltilhom li kienet fil-limiti tal-Imqabba. Qalet li lil pulizija li kellmuha bdiet tghidilhom li l-imputat kien ghadu hemmhekk u bdiet taqtaghlhom. Kompliet tghid li dak l-hin hi ma bdietx tarah lil imputat, kien hemm tal-Mobile Squad iduru u bdiet tghajtilhom biex turihom fejn kienet. Qalet li hi kienet imwerwra. Qalet li l-pulizija bdew jistaqsuha jekk l-imputat kienx ghadu hemmhekk u hi qaltilhom li ma kienetx taf. Qalet li hi marret lura mal-pulizija u haduha ghand Doctor Sacco u Doctor Scerri w ic-certifikat li rrilaxxjaw ghaddiethom lil ispettur. Qalet li hi spiccat hafja l-ghassa. Qalet li l-ghada filghodu habiba taghha Carmen Spiteri, gibditilha xi ritratti ta' wiccha li esibit bhala dokument S [fol 28]. Ziedet tghid li wara l-incident hi kkomunikat mal-imputat permezz ta' messaggi peress li kienet imwerwra minnu. Qalet li baghtet messagg bi zball lil habib tal-imputat minflok lil certu Charles McKay, li fih qaltlu li kienet imwerwra mill-imputat u li kienet qisha l-mitlufa. Ix-xhud qalet li hi ma toghbodx lil imputat avolja ghamlilha li ghamlilha. Mistoqsija n-numru ta' Charles Mckay x'hinu, ix-xhud wiegbet li ma tafux, taf li ghandu linja tal-Vodafone. Ziedet tghid li wara l-incident hi regghet marret f'dan il-bar biex tkun taf ismu biex tkun tista taghti ismu l-Qorti. Qalet li f'dan il-bar gieli marret qabel ma shabha, mhux ma l-imputat biss, ghalkemm mhux regolari. Qalet li meta marret biex tiltaqa ma l-imputat dakinhar tal-incident, l-imputat kien ma shabu.

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 **xehdet WPS 40 Isabella Camilleri** [fol 29] fejn esibiet l-okkorrenza mehuda minnha nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005

li giet mmarkata bhala dokument WPS [fol31]. Qalet li r-rapport ma giex indahhal minnha imma minn PS 849 Ivan Curmi. Qalet li meta dahlet ghax-xoghol dakinhar tad-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 fl-ghassa taz-Zurrieq, kienet marret Cathleen Camilleri u kienet hi li akkumpanjatha l-Floriana Health Centre fejn giet ezaminata minn Doctor Scerri li kien hargilha certifikat mediku dwar l-feriti li kellha. Ziedet tghid li ghal habta tas-sitta ta' filghodu marret tfittex il-vettura indikata fir-rapport u cioe JBX 635 li nstabet fil-parti ta' isfel tal-barriera fil-limiti tal-Isqof. Qalet li n-numru tal-vettura kien gie moghti lilha minn Cathleen Camilleri.

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 **xehed PS 849 Ivan Curmi** [fol 35] fejn esibixxa okkorrenza dwar dan l-incident li sehh nhar d-disgha w ghoxrin ta' Otturbru 2005 ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu fejn kienu rcievew telefonata mill-kamra tal-kontroll li kien hemm mara tghajjat ghal ghajjut f'barriera fil-vicinanzi. Din l-okkorrenza giet mmarkata bhala dokument WPS 1 [fol 37]. Qal li mieghu kien hemm PC 507 Robert Delia u bdew iduru l-barriera. Qal li kien hemm wkoll tal-Mobile Squad u tal-SAG u kienu xi tmien karozzi b'kollox. Qal li wara qabduhom mill-kamra tal-kontroll u qalulhom li kienu sabu lil din il-mara f'barriera fil-limiti tal-Imqabba, li rrizulta li kienet Cathleen Camilleri.

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 **xehed PC 507 Robert Delia** [fol 41] fejn ikkonferma dak li xehed PS 849 Ivan Curmi.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2005 **xehed PC 420 John Farrugia** [fol 50] fejn qal li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005, waqt li kien xoghol l-ghassa taz-Zurrieq, hallewlu *handover* li kienu qed ifittxu karozza tal-marka Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni KBF 635 ta' kulur abjad. Qal li ghal ewwel ma setghux isibuha waqt l-patrol pero hin minnhom ircieva telefonata mill-ghassa taz-Zurrieq li kien hemm zewg persuni jahdmu go barriera u kienu sabu karozza bajda w ghalhekk nizlu fuq il-post u sabu l-imsemmija karozza. Ix-xhud esibixxa r-rapport relattiv bhala dokument Z [fol 52].

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2006 **xehed Doctor Raymond Sacco** [fol 64] fejn ikkonferma li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 kien ezamina lil Cathleen Camilleri w irrilaxxja certifikat mediku fil-konfront taghha.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **rega' xehed Doctor Raymond Sacco** [fol 74] fejn qal li hu rrilaxxja cetifikat mediku dwar Cathleen Camilleri nhar t-tletin ta' Ottubru 2005 ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu u dan mill-klinika tieghu fiz-Zurrieq. Din kienet allegat li kienet giet imsawwta minn habib taghha. Bhala feriti ix-xhud qal li kellha tbengila fuq in-naha ta' gewwa fuq xoffitha ta' fuq in-naha tax-xellug, tbengila zghira wkoll bejn imnehirha u halqha fuq x-xellug. Xehed li kellha wkoll ugigh f'idejha l-leminija, t-tieni, t-tielet w r-raba joint u dan appena tmissha. Qal li kienet wkoll tikkomplanja minn ugiegh f'ghonqha. Xehed li t-tbengil setgha gie kagjonat minn pressjoni bhal per ezempju ponn jew id. Il-feriti ta' idejha setghu gew kagjonati meta hija stess rresiztiet. Ix-xhud esibixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument S [fol 74A].

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed PS 1007 Michael Mulvaney** [fol 76] fejn qal li bejn il-lejl tat-tmienja w ghoxrin w id-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005, kienu rcievew telefonata mill-kamra tal-kontroll sabiex jassistu fi tfittxija ghal mara li kienet cemplet d-depot aktar kmieni w allegat li kienet giet mizmuma kontra r-rieda taghha f'barriera. Qal li kien hemm wkoll theddida kontra hajjitha. Eventwalment, hargu fuq din t-tfittxija fl-area tal-Imqabba, nizlu f'barriera u sabu u raw dawl ta' telefon cellulari u sabu lil Cathleen Camilleri li kienet wahedha fil-barriera mnezzgha w imwerwra fid-dlam. Mistoqsi jekk rax xi feriti ix-xhud wiegeb li dak l-hin m'indunax bihom. Qal li kellhom informazzjoni li kien hemm ragel iehor fl-ekwati u ghalhekk hu u siehbu baqghu jfittxuh waqt li l-kollegi tieghu hadu lil mara hdejn il-karozza.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Marco Mallia** [fol 86] fejn qal li bejn t-tmienja w ghoxrin w d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005, kien gie mitlub sabiex

jassisti f'barriera fil-limiti taz-Zurrieq peress li kien hemm persuna li kienet qed tallega li kienet ser tigi maqtula. Qal li ghamlu tfittxija fl-area u f'barriera minnhom sabu persuna ta' sess femminili li kienet wahedha li qaltilhom li kienet sabet ruhha hemm peress li kienet giet abbandunata hemm minn habib taghha. Qal li ghalhekk hu baghat nies biex jeskortawha l-isptar u kien hemm xi units ohra li marru jeskortaw lil individwu li kien gie ndikat lilhom minnha, li hu l-imputat odjern, lejn l-ghassa ghal aktar investigazzjoni. Qal li hu ma kellimx lil imputat meta gie migbur.

Illi nhar t-tlieta ta' Lulju 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 90 fejn qal li lil Cathleen Camilleri kien jafha peress li hija minn naha tieghu mill-Qrendi. Qal li kienet iccempillu spiss u tibghatlu messaggi u gieli anke marret fejn ikun xoghol u jsibha tistennih. Qal li hu jahdem ma Net Television. Qal li dak iz-zmien tal-incident hi kienet tahdem l-isptar. Qal li fil-vicinanzi fejn jahdem kien hemm bar li kien jiffrekwenta u hi kienet tmur hemmhekk wkoll. Qal li hu kien imur ma nies ohra tax-xoghol hemmhekk. Qal li Cathleen Camilleri kienet persuna xejn sew pero kienet ftit pussessiva u qatt ma kienet l-gharusa tieghu. Qal li jista jkun li kien hemm xi tfajliet li Cathleen Camilleri kienet tafhom, li hu kien johrog maghhom, wahda minnhom kienet dik li tahdem barra. Qal li meta din Daphne kienet tigi minn barra, kien jiltaqa maghha u Cathleen Camilleri kienet toqghod tghid fuqha. Qal li Cathleen Camilleri ma kienetx tafha lil Daphne ghalkemm kienu jssemmuha bejniethom, bhal per ezempju kien jghidilha li Daphne kienet tibghat xi messaggi mill-Ingilterra u kien juri lil Cathleen Camilleri x'kienet tibghatlu Daphne minn barra. Qal li Cathleen Camilleri kienet tahseb hazin f'Daphne. Qal li darba minnhom kien dam x-xoghol, kien f'dan il-bar jiehu *drink* u marret Cathleen Camilleri hemmhekk. Qal li l-jum ta' qabel kien iltaqa ma Daphne li kienet giet minn barra u Cathleen Camilleri bdiet 'taqlalu' fuq Daphne u meta kienu jkunu fil-karozza, Cathleen Camilleri kienet toqghod tghajjru fuq Daphne. Qal li l-karozza kienet ta' Cathleen Camilleri pero kien qed isuqha hu. Qal li qatt ma kien saqha pero dakinhar tal-incident iddecida li jsuq hu.

Mistoqsi jekk hu u Cathleen Camilleri kienux hbieb u ghaliex kien hu li saq il-karozza taghha, ix-xhud qal li hbieb ma kienux pero Cathleen Camilleri kienet issellef l-karozza taghha lil kulhadd. Qal li meta kienu fil-karozza, Cathleen Camilleri bdiet tghajjru u tallega li hu kien jaghmel certi affarijiet ma Daphne u tallega li lejliet kellu relazzjoni ma Daphne. Qal li hu ma felahx ghal dan u talabha biex tieqaf u beda jghajjat waqt li jsuq. Qal li ma dehrlux li kellu jinzel mill-karozza. Qal li kienu l-Imsida u kienu xi l-ghaxra w nofs ta' bil-lejl u kienu qed isuqu lejn l-Qrendi u hi baqghet tghajjru u hu jghajjarha lura. Qal li hin minnhom taha daqqa ta' minkeb kif waslu l-Imqabba u nizel biex ikompli bil-mixi, peress li kellu nofs siegha mixi boghod. Qal li hu halla lil Cathleen Camilleri fil-karozza l-Imqabba.

Cahad li nizel fil-barriera ghalkemm stqarr li hadha vicin hafna tal-barriera. Qal li wara mar jorqod u kienu marru l-pulizija. Mistoqsi jekk rax lil Cathleen Camilleri iccempel waqt li kienet fil-karozza mieghu ix-xhud wiegeb li raha tilghab bil-*mobile* taghha waqt li tghajjat. Qal li Cathleen Camilleri baqghet tibghatlu messaggi regolari nonostante l-fatt li kien gie mressaq il-Qorti u ghal ewwel kienet qaltlu li ma tridx tahfirlu u wara jumejn biddlet l-istorja u riedet tahfirlu. Qal li messaggi kienet tibghat hafna u meta ma jirrispondihiex lura, kienet tibda theddu li hu kien mess mara mhux suppost. Qal li dawn il-messaggi hu ma kienx jaqrahom. Qal li llum il-gurnata hu m'ghandu ebda kuntatt ma Cathleen Camilleri u meta jaraha, jiddejjaq.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2005 [fol 49] kienet dehret Cathleen Camilleri w iddikjarat li ma kellhiex pretenzjonijiet kontra l-imputat, li xtaqet tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tieghu u li ma kellhiex interess fl-ezitu tal-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi skond l-artikoli minghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta' Marzu 2006, l-imputat, principalment gie akkuzat b'zewg akkuzi u cioe dik li kkawza ferita hafifa fuq

il-persuna ta’ Cathleen Camilleri skond l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dik ta’ sekwestru tal-persuna kif aggravat bl-artikolu 87(1)(c) tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar l-akkuza t’offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Cathleen Camilleri, il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit stante rinunzja da parti taghha w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-istess akkuza.

Dwar l-akkuza ta’ sekwestru ta’ persuna, din ghandha titmexxa *ex officio* mill-pulizija ezekuttiva ndipendentement mir-rinunzja tal-vittma. Tali rinunzja tittiehed in konsiderazzjoni biss ai fini ta’ piena, f’kaz li tirrizulta ppruvata.

Jirrizulta mill-atti li l-vittma nstabet f’qiegh ta’ barriera f’nofs ta’ lejl, imwerwra b’diversi feriti fuq wiccha u ghonqha. Illi skond t-tobba li xehdu, l-vittma nstabet b’diversi daqqiet li kienu friski, kienet fi stat t’anzjeta u tibki.

Il-vittma rrakkontat kif l-imputat u hi kienu fil-vettura taghha, waqt li kien qed isuqha l-imputat, meta fid-daqqa w l-hin, inqala argument minhabba terza persuna u l-imputat telghalu tant li beda jaggrediha u jheddidha li kien ser joqtolha u jehodha f’barriera. Il-vittma spjegat kif ippruvat tiskarta u tahrab mill-aggressjoni tal-imputat pero m’irnexxilhiex ghaliex l-imputat baqa jsuq.

L-imputat jibda x-xhieda tieghu billi jghid li hu mhux habib tal-vittma, izda li kienet l-ewwel darba li hargu bil-vettura tal-vittma u saq hu. Pero fl-istess nifs jghid li kien jiltaqa mal-vittma f’bar u speci jghati l-impressjoni li kienet tiffittah w iddejqu billi ssegwi l-passi tieghu u tghir ghalih. L-imputat jghid li l-attitudini taghha kienet iddejdu hafna tant li jiddeskrivha bhala persuna ‘xejn sew’. Dan nonostante baqa jiltaqa maghha, jifthemu biex johrog maghha u ma hbieb ohra, li jirkeb maghha u jsuq il-vettura taghha u jakkumpanjha d-dar biex iggib xi flus.

Illi ghalhekk, il-Qorti mhux propensa temmnu meta jghid li hu u l-vittma ma tantx kienu hbieb u li kellu biss l-konoxxenza taghha.

Il-Qorti temmen lil vittma meta qalet li l-imputat hadha gewwa barriera w abbandunha hemmhekk wara li sawwatha w heddidha li joqtolha u mhux propensa temmen lilu li qal li halliha hdejn il-barriera izda fil-parti ta' fuq u nizel mill-vettura biex ikompli jimxi lejn d-dar, u dan bir-rabja ta' kelb li kellu fuqu.

Ghalhekk jirrizulta li *prima facie* l-vittma setghet kienet ansjuza zzejjed u forsi verament kienet ossessjonata fuq l-imputat, pero dan ma jfissirx li l-imputat setgha jabbuza minnha u jaghmel dak li ghamel.

Ma hemmx dubbju li dan r-reat ta' sekwestru huwa ggravat bic-cirkostanza li persuna ssekwestrata giet offiza fuq l-persuna taghha u giet wkoll mhedda bil-mewt.

Dwar il-piena:

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat kif esibita fl-atti a fol 21 et seq markata bhala dokument JA 2 minn fejn jirrizulta li l-imputat diga ghandu zewg *convictions* registrati fuqha dwar pussess ta' droga Eroina fis-ssnin 1999 u 2003 meta nghata zewg *conditional discharges* ghal perjodu ta' sena. Dan nonostante, l-imputat ma tghallimx minn dawn l-opportunitajiet moghtija lilu tant li rega' qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Illi l-akkuza odjerna hija wahda serja hafna u setgha jkollha konsegwenzi ferm aktar serji kieku m'intervjenietx l-pulizija ezekuttiva f'waqtha. Pero minn nana l-ohra, il-Qorti rat x-xewqa tal-vittma li tahfer lil imputat ghal dak kollu li ghamlilha w ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija fil-minimu taghha, sospiza ghal perjodu ta' zmien qasir sabiex isservi ta' mannara fuq ras l-imputat w izzommu 'l boghod mill-hajja kriminali.

**Il-Qorti**, wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 86, 87(1)(c), 221(1), 383 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat KEVIN SPITERI hati tal-akkuza ta’ sekwestru ta’ persuna kif aggravata bl-artikolu 87(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tlettax [13] il-xahar sospizi ghal sentejn [2] bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tiddikjara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta’ feriti hfief stante rinunzja da parti tal-vittma u konsegwentement tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront ta’ din l-istess akkuza.**

**Oltre dan qed tobbliga lil imputat ghal perjodu ta’ sena mill-lum li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Cathleen Camilleri taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------